MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2434/2002

**DJ Burgess Communications Limited**

**vs**

**Nicholas u Nadine Wismayer Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' atrici s-soma ta' tlett mija u tlettax il-lira Maltin u disgha u erbghn centezmu (Lm313.49) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar prestati lill-konvenuti. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 2056/02, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwennti ragunijiet:-

Fl-ewwel lok is-socjeta' attrici kienet inadempjenti fit-twettiq tal-obbligi assunti minnha fil-konfront tal-konvenuti, u dan kif ser jirrizluta ahjar mill-provi u waqt it-trattazzjoni tal-kaz;
Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa ferm eccessiv;
Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Noelene Miggiani u ta' Nadine Wismayer Pace. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi minnha fuq inkarigu tal-konvenuti..
2. Illi mill-provi rrizulta li s-socjeta' attrici rrendiet is-servizzi li giet inkarigatta taghmel mill-konvenuti.
3. Mid-dokumenti esebiti a fol. 10 u a fol. 20 sa 41 jirrizulta li dawn is-servizzi kienu jirigwardaw principalment riklami f'gazzettti lokali.
4. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuti bl-ebda mod ma rnexxilhom jippruvaw li s-socjeta' attrici kienu inadempjenti in kwantu jirrigwarda l-obbligi minnha assunti jew li l-ammont mitlub ghas-servizzi offruti kien eccessiv. Mill-fatturi esebiti jidher li l-prezzijiet kienu ragonevoliu konformi mas-servizzi moghtija.
5. Illi t-Tribunal jidhirlu li t-ralbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati u ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax il-lira Maltin u disgha u erbghn centezmu (Lm313.49).

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawelatorju bin-numru 2056/02, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------